KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/66/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 66**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Ferris.

Il-Kunsillier Borg Myatt kien skuzat. Il-membri tal-kunsill accettaw li dan il-Kunsillier msemmi kien skuzat fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

Is-Sindku talab sospenzjoni ta' l-Agenda biex il-Kunsill ikun jista' jisma' lir-residenti ta' quddiem l-istage Paola 1. Din giet approvata nem com.

Wara diskussjoni, kemm mar-residenti li joqoghdu fi Pjazza Antoine De Paule, kif ukoll mal-ghaqdiet u l-komunita' kummercjali gie deciz li l-Kunsill ser jaghmel protest gudizzjarju nhar il-Gimgha 4 ta' Novembru 2011 flimkien ma' dawn :

Hibernians FC, Pjazza Antoine De Paule, Paola - Mr Ranier Bezzina 391381(M), Mr Jesmond Abela 436967(M)

*Lotto Office*, Pjazza Antoine De Paule, Paola - Mr Karmenu Vella 73054(M)

Hibs Bar, Pjazza Antoine De Paule, Paola - Mr Mario Brown 73054(M)

151, Pjazza Antoine De Paule, Paola – Mr Fredrick Gatt 938147(M)

150A, Pjazza Antoine De Paule, Paola – Mrs Giovanna J. Cordina 475842(M)

149, Pjazza Antoine De Paule, Paola - Mr. Joe Boffa 183332(M)

**Sindku**: Dominic Grima, **Vici-Sindku**: Alfred Borg **Kunsillieri**: Dr.Duncan Borg Myatt B.A. LL.D., Dip.Trib. Ecc.Melit., A.Mus. L.C.M., Renald Dalli, Bernard Sean Lynch, Nicholas Seychell, Mark Anthony Ferris **Segretarju Amministrattiv** – Kevin Borg M.M.i.M

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 65**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 3.3** – Il-Kunsillier Dalli staqsa jekk hux ser jehlu l-*photovoltaic panels.* Is-Segretarju qal li ntbaghtet *works order* lil EMV biex dawn jitwahhlu.

**Item 3.2** – Il-Kunsillier Lynch qal li z-zebgha tal-art wara ftit zmien, diga' marret. Wara diskussjoni, gie deciz li z-zebgha tigi ccekkjata u jekk jaraw li z-zebgha qed tmur wara ftit zmien, inkellmu lil B Grima & Sons dwar dan.

2) **Korrispondenza**

2.1 – Ittra minn *G.M. Productions* – Id-Direttur tal-kumpanija, is-Sur George Gatt Mangion baghat ittra biex il- Kunsill jisponsorja *Recognition Award* ghall-ammont ta' €66.00 lil Miss Paola, Ms Valerie Ciantar, fil-Kompetizzjoni ta' Miss Malta 2011. Wara diskussjoni, sar qbil li niccekkjaw mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jekk din tistax tinghata.

2.2 – Ittra minn Paola Boys Hibs Ultras – Il-Kunsillier Lynch ressaq ittra lill-Kunsill minghand Paola Boys Hibs Ultras fejn dawn qed jitolbu biex tinghatalhom kamra fil-*premises* tal-Kunsill l-antik biex ikollhom spazju biex jerfghu xi affarijiet tat-team. Wara diskussjoni, gie deciz biex il-Kunsill itihom kamra mill-*premises* l-antik tal-Kunsill, dawn iridu jkunu registrati bhala NGO.

2.3 – Il-Kunsillier Seychell qal li xi persuni minn Pawla Wolves Sports Club kellmuh biex il-Kunsill jghinhom ghax ghandhom bzonn 10 litri zebgha. Sar qbil, li huma jiktbu ittra ufficjali bit-talba taghhom lill-Kunsill kif suppost, u mbaghad jiddeciedi dwar dan il-Kunsill.

2.4 – Il-Kunsillier Seychell qal ukoll biex jitnehhew 4 *sleeping policeman* fosthom dik ta' Triq il-Qalb ta' Gesu'. Hu kompla jghid li s-*sleeping policeman* ta' Triq Joseph Stivala tinzel ftit 'l isfel ghax qed thabbat u qed tohloq inkonvenjent lir-residenti. Hu zied jghid ukoll biex il-Kunsill japplika biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Gurbell c/w Triq San Mikiel. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

2.5 – Il-Kunsillier Seychell talab biex issir applikazzjoni biex issir bozza gdida fi Triq Hal Saflieni, Paola fl-area ta' wara c-Cimiterju ta' l-Addolorata, 2 bozoz godda fi Triq il-Bacir, 2 bozoz godda bejn Triq il-Principessa Marija u Triq Kordin, bozza gdida fi Triq Haz-Zabbar fl-area tar-roundabout, 2 bozoz godda fi Triq is-Sorijiet, 1 fi Triq il-Vittmi tax-Xoghol, 2 fi Triq Principessa Marija, bozza gdida fi Triq l-Isqof Buhagiar. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

2.6 – Il-Kunsillier Dalli informa lill-Kunsill li ser isiru korsijiet tal-kompjuter mal-Kumpanija TCTC, kemm tal-kbar kif ukoll tat-tfal minn Paola. Hu zied jghid li qed isiru l-korsijiet tal-*life long learning* ukoll.

2.7 – Is-Sindku qal li kienet saret bankina hazina fi Triq Bormla mill-WSC. Hu qal ukoll li din ser terga' ssir u ser ihallsu l-WSC. Wara diskussjoni, gie deciz li tintbaghat ittra lil WSC ma' liema kuntratturi hadem il-Kunsill Lokali Paola dwn l-ahhar xhur ie. Asfaltar Ltd, Renell Ltd, Tony Ghiga.

2.8 – Il-Kunsillier Ferris staqsa dwar korrispondenza li baghat lill-Kunsill dwar Pjazza Sant'Ubaldeska w ix-Xelter.

2.9 – Is-Sindku qal li hu kellu laqgha mal-kumpanija IPSL fejn infurmawh li ma ghandhomx aktar haddiema biex jigu assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsillier Ferris qal li hu kien staqsa dwar dan ukoll u kellu l-istess twegiba.

### 3) <u>Triq l-Arkata</u>

3.1 – Is-Segretarju qal li l-Perit tal-Kunsill baghat revised bills ta' Triq l-Arkata, izda il-Kunsill ser jerga' jiccekkja dawn il-kontijiet.

3.2 – Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma' accetta li jhallas d-diskrepanza fl-ammonti tal-kontijiet.

3.3 – Il-Kunsill gie infurmat li l-kont issa gie rivedut ghall Euros 160,000.

3.4 – Is-Sindku qal li l-Accountant tal-Kunsill gibidlu l-attenzjoni li hemm xi *deposit* nieqes, tal-harga ta' Ghawdex. Il-Kunsillier Ferris qal li ser jghaddihom lill-Kunsill.

### 4) <u>Attivitajiet</u>

4.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li ssir bibita' u nistiednu lill-President u s-Segretarju tal-ghaqdiet kollha tal-lokal u qal li tkun okkazjoni sabiha jekk nistiednu lit-tim kollu tal-Hibernians u lil kumitat. Wara diskussjoni gie deciz li ssir din il-bibita' fis-Sala tal-Kunsill nhar l-~~Erbgha 21~~ Hamis 22 ta' Dicembru minn ~~12.00pm sal-4.00pm~~. 7.00pm 'il-Quddiem.

4.2 – Is-Sindku ssuggerixxa li f'din l-attivita', il-Kunsill Lokali jiehu l-inizjattiva' biex jingabru fondi ghall-Istrina. Il-Membri tal-Kunsill ma qabblux.

4 3 - Il-Kunsillier Lynch qal li l-*Party* tal-Milied ghall-anzjani ser isir nhar it-Tlieta 20 ta' Dicembru 2011 fil-Palace Theatre, Triq Hal Tarxien, Paola. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

4.4 – Il-Kunsillier Lynch issuggerixxa li l-*Party* tal-Milied ghat-tfal isir nhar is-Sibt 17 ta' Dicembru 2011 fil-*Paola Youth Centre* u f'kas li ma jkunx jista' jsir hemm, niccekkjaw jekk jistax isir fis-sala ta' l-iskola Guze D'Amato, jew post iehor. Hu ssuggerixxa wkoll li jingiebu l-*Fun Trains* biex imorru dawra t-tfal dakinhar. Is-Segretarju ghandu jiccekkja dwar dan.

Erbgħa 21

4.5 – Wara diskussjoni, sar qbil li ssir *reception* ghall-istaff u ghall-kuntratturi tal-Kunsill nhar il-~~Hamis 22~~ ta' Dicembru 2011 fl-ufficini tal-kunsill Lokali Paola f'12.00pm, u li l-*budget* ma jaqbizx €200.

4.6 – Wara diskussjoni, gie deciz ukoll li issir ikla ghall-Kunsilliera, staff u *partners* f' lukanda nhar is-Sibt 16 ta' Dicembru 2011. Il-Kunsillier Lynch ser jiccekkja dwar dan.

5) **Pagamenti**

5.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

5.2 – Re Cekk nru 3949 – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-pagament hu tal-madum (cangaturi) tal-bandli fi Gnien Pawlu Boffa.

5.3 – Re Cekk nru 3968 – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa tal-permess tal-MEPA.

5.4 – Re cekk nru 3987 – Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dan il-pagament ser jinhareg pagabbli fuq ismu u mhux pagabbli lil Antonio Piscopo. Ser issir *expense claim form* ghaliex hu kien xtara xi soft drinks ghal xi attivita'.

5.5 – Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kumpanija Dimbros kellu jhallas s-somma ta' €158.40 tas-servizz tal-gwardjani lokali izda dawn qatt ma thallsu u ghadhom pending. Hu kompla jghid li ser jinhareg cekk biex dawn jigu settled. Il-membri tal-Kunsill approvaw li dan jitqies bhala *bad dept.*

5.6 - Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ser jinhareg cekk ta' €3,300 lil *Heritage Enterprise* tal-*auditing* tal-progett Repair. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

6) **Aggornament**

6.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fid-9.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 8/11/2011

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku